


# Meta Waqa' l-Murtal

## Ġrajja ta' 50 sena ilu

**FABIAN MANGION, B.A., S.Th. Lic.**

Mhux l-ewwel darba li tisma' min jgħid li festa bla nar tista' ma ssir xejn għaliex tkun festa mejta u monotona. Fil-fatt, in-nar huwa wieħed mill-elementi, flimkien mal-knejjes, il-funzjonijiet liturġiċi, l-baned u l-armar tat-toroq, li jiffurmaw il-festa Maltija. In-nies, flimkien mat-turisiti, jikkonkorru bi ħġarhom biex jaraw il-preġju tal-knejjes armati, japprezzaw it-tiżjin tat-toroq u jitpaxxew bil-varjazzjoni tal-murtali, speċjalment dawk tal-kulur.

Imma sfortunatament ġie li ġara li lokal imdawwal bil-ferħ tal-festa, fis jitkeffen fid-dieqa minħabba xi inċident tan-nar li jkun seħħ. Fortunatament, dak li ġara fl-Isla nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Settembru 1967, fis-6.30 p.m., waqt li l-istatwa ta' Marija Bambina kienet ħierġa fil-purċissjoni mill-Bażilika, ma kellux konsegwenzi serji ħafna. Dakinhar, numru ta' murtali tal-kulur minn kaxxa nfernali (magħrufa aħjar bħala l-'Batterija tal-Ħruġ') li kienet qed tinħaraq minn fuq il-bejt tal-knisja bdew jaqgħu fil-pjazza ta' quddiem l-istess knisja. Wieħed minnhom, mal-ħabta fuq l-asfalt tat-triq, sploda qalb il-folla.

Fost dawk li kienu preżenti fi Pjazza Benedittu XV biex jassisti għall-ħruġ tal-purċissjoni, kien hemm Joe Scicluna minn Tas-Sliema. Huwa kiteb hekk: "*As soon as the statue of Our Lady appeared at the church doors, a veritable inferno was at loose. Deafening petards were fired from the church roof. People on the run, tourists blocking their ears headed back to their taxis, children shrieked and all of a sudden panic broke out.*

*Policemen ran like madmen; bandsmen with music scores and instruments in hand disappeared; a woman screamed with her burnt bag in hand; an elderly woman lay in the middle of the square in a pool of blood near the bandstand. Two policemen, braving the inferno, ran with a stretcher.*

*When the panic abated, it was learnt that a petard had got out of its hold on the roof of the church and exploded in front of the church near this poor woman. The blast of the petard's explosion reminded me of the blast from the German bombs in the war.*

*By 6.30 p.m. the Police could no longer cope with the queue of people trying to board a Senglea bus to return home, shaken by this sordid tragedy caused by dangerous fireworks at this penultimate feast of the season."* (The Sunday Times of Malta, 10 ta' Settembru 1967, p. 13)

Bl-isplużjoni sfaw midruba ħames persuni: Emmanuela Camilleri ta' 39 sena mill-Imġarr (Malta) u Victoria Camilleri ta' 16-il sena miż-Żebbiegħ, weġġgħu serjament. Malajr, huma ttieħdu l-Isptar ta' Bighi, il-Kalkara, li kien jinsab fil-qrib u fejn inżammu għall-kura.

Tlieta oħra, Alice Costa ta' disa' snin mill-Isla u Felicia Camilleri, ta' 32 sena, flimkien ma' Joseph Camilleri ta' 49 sena, it-tnejn mill-Imġarr (Malta) weġġgħu ħafif u ttieħdu l-Isptar San Luqa. Filwaqt li Alice, li f'dak il-ħin tal-inċident kienet ma' erba' ħutha bniet, intbagħtet id-dar wara li ġiet ikkurata, Felicia u Joseph inżammu hemm għal xi jiem. Jingħad li waħda mill-midruba, tilfet ukoll parti minn ħwejjiġha. Il-midruba ttieħdu fiż-żewġ sptarijiet bil-karozzi privati u tal-pulizija.

Il-pulizija ma ħallietx li l-murtali jkomplu jiġu sparati minn fuq il-saqaf tal-knisja. Aktar tard filgħaxija, il-Kan. Dun Ġwann Sladden, Arċipriet tal-Isla sa mit-12 ta' Frar tal-istess sena u Prokuratur tal-Festa, flimkien ma' erba' kollaboraturi tiegħu, mar iżur lill-midruba fl-isptarijiet. Dan kien tħabbar wara li ntemmet il-purċissjoni mis-saċerdot li ssostitwixxa lill-Arċipriet biex mexxa ċ-ċerimonja tal-għeluq tal-festa fil-knisja.

Minn dak li ġie rrapurtat fil-ġurnali dwar dan l-inċident, insiru nafu li fit-13 ta' Awwissu 1967, l-Arċipriet Sladden talab permess biex murtali, murtaletti, musketterija u kaxxa nfernali jiġu sparati minn fuq is-saqaf tal-knisja. Xi ġranet wara, is-Sur J. E. Bencini, Suprintendent tad-distrett, żar il-post flimkien ma' espert tekniku tal-Gvern. Huma rrakomandaw li l-isparar għandu jsir min-naħa ta' wara tas-saqaf u li l-kanen ikunu mxaqilba lejn il-baħar u t-tarzna, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm vapuri fit-tarzna.

Fit-28 ta' Awwissu, l-pulizija kitbet lill-Arċipriet li ma kienx ingħatalu permess għal dan minħabba l-periklu għall-vapuri fit-tarzna. Wara dan, l-Arċipriet ikkomunika personalment mat-tmexxija tat-tarzna u b'kundizzjoni li n-nar jinħaraq f'ċerti ħinijiet, sar qbil li l-kanen tal-murtali li kellhom jiġu sparati, kellhom ikunu mmejla lejn it-tarzna, f'direzzjoni opposta għall-pjazza. Dan sar biex jekk il-murtali jfallu t-tir tagħhom, jaqgħu fil-baħar wara li jkunu qabżu l-baċir.

Meta rat hekk, il-pulizija ħarġet il-permess, iżda żiedet il-kundizzjonijiet tagħha, fosthom li jittieħdu l-prekawzjonijiet adegwati biex jassiguraw li l-ebda parti minn murtal jew biċċa nar oħra ma taqa' fit-triq jew fuq il-bini madwar il-knisja.

Il-Maġistrat Dr Joseph Soler LLD kien ġie maħtur biex imexxi l-inkjesta dwar l-inċident li, min-naħa tiegħu, talab lis-Sur Costantino Mifsud, espert tal-isplussivi, biex iħejji rapport lill-Qorti. L-inkjesta, li saret fid-9 ta' Settembru, bdiet fl-isptarijiet u tkompliet b'aċċess fuq il-post tal-inċident aktar tard wara nofsinhar. Minħabba l-proċess tal-inkjesta, kemm l-Ispettur Anthony Mifsud Tommasi kif ukoll l-Arċipriet Sladden ma tawx kummenti lill-ġurnalisti, ħlief biex juru kemm kienu jinsabu mnikkta bil-korrimenti.

Eventwalment il-pulizija ressqet il-qorti lil George Debattista minn Ħal Qormi, li kien ħadem in-nar fil-fabrika li kellu f'Tal-Ħandaq, u nstab ħati ta' imprudenza u negliġenza, kif ukoll b'nuqqas ta' esperjenza fis-sengħa tiegħu u b'nuqqas ta' osseranza tar-regolamenti. Huwa kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor f'perjodu ta' sena.

Fiċ-ċirkustanza, kelliem għall-Kurja Arċiveskovili kien ikkwotat jgħid li "aħna nikkundannaw kull esaġerazzjoni fil-logħob tan-nar kemm fil-kwalità u kemm fil-kwantita. Aħna ma nonqsux li nagħmlu dan f'kull opportunità li jkollna." Li kien għall-Arċipriet, il-purċissjoni ma tkomplietx, iżda billi kien ġie aċċertat li ma kien seħħ xejn gravi, allura kompliet. Dan minkejja li għamel purċissjoni inkwetat u l-ħin kollu jistaqsi dwar dak li seħħ u kif kienu jinsabu dawk imweġġgħin.

Dan l-inċident, li baqa' stampat f'moħħ l-Arċipriet Sladden għal żmien twil, kellu wkoll l-effetti tiegħu peress li hu stess kien iffirma dikjarazzjoni li jżomm ruħu responsabbli għal xi ħsara li tista' seħħ lil xi propjetà jew persuni. Ma ppermetta qatt iżjed li jinħarqu kaxxi infernali minn fuq il-bejt tal-knisja, speċjalment li l-pulizija kienet żiedet ir-restrizzjonijiet.

Din l-affari ta' periklu mil-logħob tan-nar hija storja antika. Sfortunatament, seħħew ukoll bosta diżgrazzji koroħ u għadd ta' ħajjiet intemmu ħesrem. Wara kull diżgrazzja tqum għagħa mal-pajjiż kollu u tidher u tinstema' ħafna kritika. Iżda wara ftit taż-żmien, dan il-ħafna kliem ta' protesta u ta' kundanna għal-logħob tan-nar esaġerat jispiċċa fid-duħħan, preċiżament kif tispiċċa kull kaxxa infernali, u jerġa' kollox għal li kien.